MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 327/2011

**Louis Galea**
**(ID 886452 M)**

**vs**

**Paul Camilleri (ID 0194168 M) u**
**l-Kummissarju tal-Pulizija**
**ghal kull interess li jista' jkollu**
**u b'digret tat-Tribunal gie kjamat in kawza**
**Robert Galea (ID 420780 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kundannat jhallsu l-ammont ta' elf tmien mija tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1,863.50c) sofferti mill-attur fil-parapett tal-fond "Belund" Triq Sta Margherita, Siggiewi meta dahal b'vettura numru ta' registrazzjoni GVP 520, fl-istess parapett, proprjeta' tal-attur u liema dannu jammonta ghal elf tmien mija tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1,863.50c).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu, 2011, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li eccepew is-segwenti: (i) Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-intimati jeccepixxu illi t-talbiet attrici huma milquta bil-preskrizzjoni biennali a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jigi muri lil dan it-Tribunal; (ii) Illi fit-tieni lok, dejjem minghajr pregudizzj, l-intimati jitolbu l-kjamata fil-kawza ta' Robert Galea (ID 420780 M), u dan peress li kien hu li holoq ostaklu fil-karreggjata ta' l-intimat Paul Camilleri u li per konsegwenza ta' dan l-agir negligenti kkawza l-incident in kwistjoni. Dan qieghed jintalab ukoll ghall-finijiet ta' l-integrita' tal-gudizzju; (iii) illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, kif ser jigi muri sussegwentement u dan peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' Robert Galea (ID 420780 M) ta' Arcades, 24, Triq Pawlu VI, Siggiewi, u dan minhabba imperizja, traskuragni u non osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tieghu; (iv) illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-interita' taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess attur; (v) salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-rikors tal-konvenuti datat 6 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu l-konvenuti talbu li jigi kjamat in kawza Robert Galea; ra d-digriet ta' dan it-Tribunal, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza, li permezz taghha eccepixxa (i) illi l-esponenti ma ghandu ebda htija ta' l-incident mertu tal-kawza billi tali incident sehh unikament u esklussivament tort tal-konvenuti jew min minnhom u dan kif ser jirrizulta waqt it-Trattazzjoni tal-kawza; (ii) illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza liema spejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, jew min minnhom; (iii) salv risposta ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda l-ohra imressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu gie dikjarat illi l-partijiet qeghdin jaqblu illi l-provi li ser jitressqu minnhom ser ikunu kemm in rigward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, kif ukoll fil-mertu.

Ra r-rikors tal-konvenuti datat 6 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu talbu li jressqu eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza; ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 11 ta' Frar, 2013; ra r-risposta tal-attur datata 7 ta' Marzu, 2013; ra r-risposta tal-kjamat in kawza datata 4 ta' April, 2013; ra d-digriet ta' dan it-Tribunal, datat 17 ta' April, 2013, li permezz tieghu t-talba tal-konvenuti giet michuda.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, kif ukoll in nota ta' referenzi.

Ikkunsidra,

Illi l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' elf tmien mija tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1,863.50c), liema ammont jirraprezenta spejjez ghal hsara li l-attur garrab fil-proprjeta' tieghu, u aktar precizament fil-parapett tal-fond proprjeta' tieghu, li tinsab fl-indirizz 1, Triq Papa Pawlu VI, Siggiewi, u dan meta vettura misjuqa mill-konvenut habtet fil-proprjeta' in kwistjoni. Illi l-attur iddikjara illi fl-24 ta' Frar, 2007 hu gie nformat minn uliedu illi kien sehh incident fil-parapett ta' din il-proprjeta', u meta mar lura d-dar sab vettura tal-Korp tal-Pulizija mahbuta fil-parapett tar-residenza tieghu. Illi f'dan l-incident ma wegga' hadd, izda l-impatt tal-vettura mal-hajt u recint tal-parapett kienu tali illi l-istess hajt u r-rixtellu garrbu hsara estensiva. Illi l-attur ra l-karozza ta' ibnu wieqfa fin-nofs tat-triq, u rrizultalu illi meta dan waqaf sabiex idur fuq il-lemin tieghu biex jaqsam il-karreggjata opposta sabiex jieqaf mal-bankina barra d-dar tal-attur, giet il-karozza tal-Pulizija minn warajh, u waqt illi kienet qed tghamel manuvra ta' sorpass, din tilfet il-kontroll u habtet fil-parapett tar-residenza tal-attur. Illi l-istess attur iddikjara illi ftit tal-jiem wara li sehh l-incident, marru xi Ufficjali tal-Pulizija u rrangawlu l-hajt tal-parapett. Illi fil-frattemp, l-istess attur zamm kuntatt mal-Ispettur Agius sabiex jirkupra l-ispejjez tat-tiswija li kienu mehtiega. Illi ghalkemm l-attur kien qed jigi mwieghed illi ser jircievi l-hlas, dan il-hlas baqa' ma giex imwettaq, tant illi l-attur bghat ittra ufficjali indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 2 ta' Frar, 2009. Illi l-istess attur baqa' ma rcieva ebda kommunikazzjoni ulterjuri, u ghalhekk inbaghtet ittra interpellatorja datata l-1 ta' Jannar, 2010, u ohra datata 20 ta' Frar, 2010, u ma' din tal-ahhar intbaghtet l-istima relattiva ghat-tiswija tal-parapett. Illi l-attur isostni illi hu baqa' f'kuntatt mal-Ispettur Agius, li kien jassigurah li l-hlas ser jigi mwettaq. Illi tali hlas baqa' ma giex imwettaq, u l-hsara baqghet ma gietx rimedjata, u ghalhekk l-attur ipproceda b' din l-istanza.

Illi l-Ufficjal tal-Pulizija Martin Debono iddikjara li ghandu kariga ta' Principal Officer fi hdan il-Korp u li hu jservi wkoll bhala membru fuq il-*collisions board*. Illi dwar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ddikjara illi dan gie riferut ghandu in kwantu hu jokkupa l-kariga ta' membru fuq il-bord imsemmi. Illi dwar l-korrispondenza u stima li rcieva minghand l-attur, u wara konsultazzjoni mal-ufficju tal-Avukat Generali, l-istess Ufficjal bghat ittra lill-attur sabiex jitolbu l-fatturi relattivi ghall-ispejjez ta' tiswija. Illi ma rcieva ebda risposta la ghal din l-ittra u lanqas ghal ittri ohra li ntbaghtu lill-istess attur, u eventwalment ircivew ittra datata l-1 ta' Jannar, 2009. Illi effettivament din l-ittra inbaghtet fl-2010. Illi rcivew ittra ohra fi Frar, 2010, u peress illi l-file relattiv ghal dan il-kaz kien ghand l-Ispettur Agius, din l-ittra ntbaghtet lilu. Illi l-istess Spettur kien jokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-*collisions board*, madanakollu ma kienx jispetta lilu li jiddecidi dwar jekk jigix imwettaq il-hlas lill-*complainant*, f'dan il-kaz l-attur, ghaliex tali decizjoni kienet tittiehed b'konsultazzjoni mal-Avukat Generali. Illi in rigward l-attur, iddikjara illi hu ma jafux personalment u lanqas ma tkellmu bejniethom, inkluz telefonikament. Illi dwar id-decizjoni jekk ghandux jigi mwettaq il-hlas, *o meno*, din tittiehed mill-Ministeru wara konsultazzjoni mal-ufficju tal-Avukat Generali.

Illi l-Ispettur Anthony Agius iddikjara li hu nkarigat mis-sezzjoni li tirrigwarda t-trasport tal-Pulizija, u huwa wkoll membru fi hdan il-*collisions board* tal-istess Korp. Iddikjara li effettivament il-Korp ghandu zewg *boards* u hu ma kienx ic-chairperson tal-bord li kien responsabbli minn dan il-kaz. Illi l-istess Spettur iddikjara illi meta gie mgharraf b' dan il-kaz hu nkariga lis-Surgent tas-snajja sabiex jivverifika dwar il-hsara li rrizultat fil-proprjeta' tal-attur, u sabiex tigi mhejjija stima dwar l-ispejjez sabiex issir it-tiswija. Illi meta rcieva din l-istima deherlu li kienet gholja, u ghalhekk talab revizjoni taghha. Illi dwar min jawtorizza hlas ghal tiswija ddikjara illi dan isir mill-Assistent Kummissarju, u dan kemm-il darba jirrizulta illi l-Ufficjal tal-Pulizija involut fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni jkun instab hati ghall-akkadut. Illi ddikjara li l-attur kien jikkomunika mieghu in rigward hlas tal-ispejjez tat-tiswija, u ddikjara wkoll illi hu talab lill-attur sabiex jipprovdi revizjoni tal-istima ghaliex din kienet gholja wisq. Madanakollu hu ma kkomunikax aktar mal-attur wara li rcieva l-ittra f'Marzu, 2010 minghand l-Avukat tal-attur, ghaliex id-dokumenti ntbaghtu l-ufficju tal-Avukat Generali.

Illi l-Ispettur Joseph Hersey iddikjara li hu membru fi hdan il-*collisions board*, u li tali bord jaghmel stharrig dwar jekk ikunx mehtieg li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' Ufficjal tal-Pulizija li jkun involut f'incident stradali, in kwantu tali incident sehhx minhabba nuqqasijiet tieghu. Illi ma setax jghid jekk qatt kellimx lill-attur, ghaliex mir-rapport irrizultalu li tkellem mas-sewwieq tal-vettura 'nvoluta fl-incident, u cioe' l-konvenut, l-Ufficjal tal-Pulizija li kien passiggier mieghu u lill-kjamat in kawza. Iddikjara wkoll illi hu ma kellux il-kompetenza, fil-kwalita' tieghu ta' Chairman ta' dan il-bord, sabiex jawtorizza l-hlas li seta' kien dovut lill-attur. Illi dwar l-istima tal-hsarat, din tintalab minghand il-*complainant* sabiex ikollhom indikazzjoni tal-ispejjez involuti, u mhux bhala xi forma ta' ammissjoni ta' responsabilita' ghall-akkadut. Illi l-konkluzjoni li waslu ghaliha l-membri tal-bord in segwitu ghall-istharrig li sar in rigward dan l-incident kienet illi ma kienx hemm negligenza fis-sewqan da parti tal-Ufficjal tal-Pulizija involut f'dan l-incident, ghaliex kien hemm roqgha zejt li waslet sabiex is-sewwieq tal-vettura tilef il-kontroll ta' din il-vettura. Illi dan l-istharrig ikun ghal skopijiet interni, u ghalhekk ma jgharrfux lill-parti danneggjata dwar il-konkluzjonijiet tal-bord.

Illi l-kjamat in kawza ddikjara illi dakinhar tal-incident hu kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti Jeep u kien sejjer lura d-dar; illi waqt li kien qed jistenna sabiex jaqsam il-karreggjata opposta sabiex jipparkeggja qrib tar-residenza tal-attur, hu xeghel l-indicator, u minn warajh giet vettura tal-pulizija u meta waslet qrib tieghu, is-sewwieq ta' dik il-vettura tilef il-kontroll tal-vettura u habtet fil-parapett tar-residenza tal-genituri tieghu, u cioe' tal-attur li huwa missieru. Illi ddikjara wkoll illi ma sehh ebda impatt bejn il-vettura tal-Pulizija mal-vettura misjuqa minnu.

Illi l-konvenut iddikjara illi hu Ufficjal tal-Pulizija u li kien stazzjonat fi hdan ir-*rapid intervention unit*. Illi dakinhar li sehh l-incident hu kien qed isuq il-vettura tal-Korp tal-Pulizija bin-numru ta' registrazzjoni GVP 520, u mieghu kellu riekeb Ufficjal tal-Pulizija iehor. Illi huma rcivew telefonata mill-*control room* dwar persuna suspettuza fil-vicinanzi tal-fergha tal-Bank of Valletta p.l.c. tas-Siggiewi, u ghalhekk kienu mehtiega li jmorru fuq il-post b'urgenza. Illi waqt li kienu qed jipprosegwu fi Triq Margerita, Siggiewi, innota l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBC 576 wieqfa fin-nofs tat-triq, u meta gie qrib ta' din il-vettura, din saqet lejn il-lemin taghha, u sabiex jevitaha l-konvenut ukoll dar lejn il-lemin tieghu, izda meta wasal qrib tal-bankina kien hemm roqgha zejt, u l-vettura ma waqfitx u

kompliet titkaxkar ghal fuq il-bankina u ghal fuq il-parapett tal-proprjeta' tal-attur. Illi dan il-kaz kien gie nvestigat mill-Ispettur Agius.

Ikkunsidra,

Illi fl-ewwel lok ser tigi trattata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u cioe' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni biennali ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi u l-atti li gew ipprezentati mill-partijiet jirrizulta illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh fl-24 ta' Frar, 2007. Illi din l-azzjoni giet proposta fil-15 ta' April, 2011, u qabel ma giet intavaolata din il-kawza, l-attur ipprezenta ittra ufficjali fil-konfront tal-Kummissarju konvenut li hija datata 2 ta' Frar, 2009, u liema ittra giet notifikata fi hdan il-kwartieri generali tal-Pulizija fil-5 ta' Frar, 2009 (a fol. 19 u 20 tal-atti). Illi fil-perjodu bejn id-data tal-ittra ufficjali in kwistjoni u l-Avviz tat-Talba, giet skambjata korrispondenza bejn il-partijiet, senjatament ittra mibghuta ghan-nom tal-Kummissarju konvenut datata 17 ta' Frar, 2009 (a fol. 42 tal-atti), ittra ghan-nom tal-attur datata 20 ta' Frar, 2009 (a fol. 43), ittra ghan-nom tal-Kummissarju konvenut datata 24 ta' Marzu, 2009 (a fol. 61), ittra ghan-nom tal-Kummissarju konvenut datata 29 ta' April, 2009 (a fol. 63), ittra ghan-nom tal-attur datata 1 ta' Jannar, 2009, li effettivament intbaghtet fl-1 ta' Jannar, 2010 (a fol. 44), ittra ghan-nom tal-attur, li madanakollu ma fiha ebda data (a fol 47), u li jidher illi giet ikkonsenjata fil-kwartieri generali tal-Pulizija fl-10 ta' Marzu, 2010 (a fol. 78 tal-atti). Illi jkun opportun illi jigi rilevat illi fl-Avviz tat-Talba saret referenza mill-attur ghal ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu, 2011, li madanakollu, ma tirrizulta ebda kopja taghha in atti.

Illi in segwitu ghall-ittra li jidher li ntbaghtet f'Marzu, 2010, ma jidhirx illi kien hemm aktar skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet, u sussegwentement giet proposta din l-azzjoni.

Illi l-attur jikkontendi illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ma tistax tigi akkolta – u dan minkejja illi ghaddew aktar minn sentejn minn meta giet notifikata l-ittra ufficjali lill-Kummissarju konvenut u meta giet proposta din l-azzjoni – stante illi l-Ispettur Agius li kien qed jinvestiga dan il-kaz u li kien responsabbli mill-istharrig tal-ilment tal-attur, fl-ebda waqt ma ddikjara mal-attur illi t-talba tieghu ghal hlas ma kienitx gustifikata u li l-hlas ma kienx ser jigi mwettaq, izda anzi kien ripetutament jassigurah illi l-hlas kellu jigi

mwettaq mis-sezzjoni responsabbli mill-finanzi. Illi ghalhekk permezz tan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-attur isostni illi "*... l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma mill-konvenuti ma tregix peress illi z-zmien tad-dekors tal-preskrizzjoni jew gie sospiz jew gie interrott jew rinunzjat ...*", u dan ghaliex il-Kummissarju konvenut fl-ebda waqt ma cahad illi kien dovut ammont lil-attur in linea ta' danni, u li l-kontestazzjoni tal-istess konvenut kienet biss dwar il-*quantum* ta' dawn id-danni. Illi ghalhekk kien hemm rikonoxximent da parti tal-Kummissarju konvenut dwar dan id-debitu dovut lill-attur.

Illi da parti taghhom, l-Ufficjali tal-Pulizija nvoluti fl-investigazzjoni u stharrig ta' dan il-kaz lkoll isostnu illi l-istharrig illi huma kienu qed iwettqu kien stharrig ghal skopijiet interni, u cioe' dwar jekk ghandhomx jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-Ufficjal tal-Pulizija li kien qed isuq il-vettura involuta f'dan l-incident, u dan kemm-il darba jirrizulta illi tali Ufficjali seta' kien negligenti fis-sewqan. Illi huma lkoll iddikjaraw illi tali decizjoni dwar jekk ghandux jigi mwettaq il-hlas lid-danneggjat ma ttiehiedx minnhom, u se mai tali hlas isir wara konsultazzjoni mal-Avukat Generali u fuq ordni tal-Assistent Kummissarju. Illi huma lkoll iddikjaraw illi ma kienx fil-kompetenza taghhom illi jordnaw, jew ahjar jaghtu struzzjonijiet sabiex jigi mwettaq il-hlas li jista' jkun dovut lill-attur danneggjat.

Illi mill-atti ta' din il-kawza rrizulta wkoll illi salv ghall-atti ta' din il-kawza, il-konvenut Paul Camilleri ma gie notifikat b'ebda att gudizzjarju minn meta sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sa meta giet proposta l-azzjoni, u l-korrispondenza kienet dejjem indirizzata unikament fil-konfront tal-Kummissarju konvenut. Illi l-atturi jikkontendu illi r-responsabilita' ghall-akkadut hija solidali bejn l-istess konvenut u l-Kummissarju konvenut, u ghalhekk u kemm-il darba jirrizulta illi kien hemm interruzzjoni u / jew sospensjoni tal-preskrizzjoni in bazi ta' rikonoxximent tad-debitu da parti tal-Kummissarju konvenut – tramite tal-Ufficjali fi hdan il-Korp li kienu qed jinvestigaw u jistharrgu l-kaz – allura tali interruzzjoni u / jew sospensjoni tal-preskrizzjoni ghandha tapplika wkoll fil-konfront tal-konvenut Camilleri. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal mod kif giet proposta u intestata din l-azzjoni, in kwantu l-konvenuti gew imharrka bhala "Paul Camilleri u l-Kummissarju tal-Pulizija **ghal kull interess li jista' jkollu**" (enfasi mizjuda mit-Tribunal). Illi ghalkemm jidher illi l-azzjoni giet proposta fil-konfront taz-zewg konvenuti solidalment bejniethom, madanakollu l-intestatura tal-okkju taghti *d'intendere* illi l-konvenut principali huwa effettivament il-konvenut Paul Camilleri, stante illi hu kien qed isuq il-vettura involuta fl-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza, u li qed jigi mharrek *in*

*subsidium* il-Kummissarju konvenut, limitatament in kwantu jista' jkollu interess f'dawn il-proceduri.

Illi dan huwa sostanzjat ulterjorment mill-fatt illi l-konvenut Camilleri huwa identifikat fl-okkju tal-kawza bil-karta tal-identita' tieghu, u m'hemm ebda referenza ghall-kariga li jokkupa fi hdan il-Korp tal-Pulizija, u li l-Kummissarju konvenut gie nkluz f'din l-azzjoni in kwantu l-vettura nvoluta fl-incident hija proprjeta' tal-istess Korp tal-Pulizija. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-attur illi necessarjament hemm responsabilita' solidali bejn il-konvenuti, u ghalhekk lanqas ma jsegwi u jreggi l-argument illi kwalunkwe sospensjoni u / jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, jekk applikabbli, ghandha tapplika wkoll fil-konfront tal-konvenut. Illi ghalhekk, u tenut kont illi minn meta sehh l-incident awtomobilisiku mertu ta' din il-kawza, il-konvenut Camilleri ma gie notifikat b'ebda att gudizzjarju salv ghall-Avviz tat-Talba, allura jsegwi illi t-talba attrici in kwantu rivolta fil-konfront tieghu hija preskritta bil-perjodu biennali.

Illi in rigward l-applikabilita' tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenut l-iehor, u cioe' il-Kummissarju tal-Pulizija, jkun opportun illi ssir referenza ghall-gurisprudenza in materja. Illi kif gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** deciza fid-9 ta' Frar, 2005, "… *ir-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. ... Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att. "*. Illi ghalhekk l-insenjament tal-Qrati taghna in rigward l-applikabilita' tal-Artikolu 2133 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fis-sens illi tali rikonoxximent tad-debitu ghandu jkun esterjorizzat u inekwivoku. Illi b'referenza ghall-kaz in ezami, huwa minnu illi l-Kummisarju konvenut, jew ahjar rapprezentant tieghu talab lill-attur sabiex jikkonsenjalu kopja tar-ricevuti relattivi ghat-tiswija tal-hsara li garrab l-attur fil-proprjeta' tieghu; madanakollu, mill-korrispondenza li giet skambjata mill-partijiet ma jirrizulta ebda rikonoxximent da parti tal-Kummissarju konvenut tad-debitu dovut lill-attur. Illi tant il-Kummissarju konvenut ma kienx qed jirrikonoxxi d-debitu, illi l-kaz kien qed jigi riferut lill-Avukat Generali ghall-pariri taghhom f'dan ir-rigward. Illi t-Tribunal huwa tal-

fehma illi kemm-il darba d-debitu kien qed jigi rikonoxxut u accettat mill-Kummissarju konvenut, il-hlas kien jigi mwettaq tempestivament meta saru l-bosta interpellazzjonijiet mill-attur, jew *per lo meno*, kien ikun hemm dikjarazzjoni ta' accettazzjoni ta' responsabilita' da parti tal-Kummissarju konvenut soggett ghall-eventwali qbil dwar l-ammont. Illi effettivament il-komunikazzjoni li kienet qed issir mill-Kummissarju konvenut mal-attur kienet qeghda ssir "minghajr pregudizzju", u ghalhekk ma kien hemm ebda dikjarazzjoni esterjorizzata ta' rikonoxximent ta' dan id-debitu. Illi fi kwalunkwe kaz ma rrizultat ebda raguni valida ghalfejn l-attur dam daqstant sabiex jipprocedi b'din l-istanza, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-ahhar ittra li giet skambjata bejn il-partijiet ntbaghtet f'Marzu, 2010, filwaqt illi l-azzjoni giet proposta mill-attur aktar minn sena wara f'April, 2011.

Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti hija gustifikata u timmerita illi tigi akkolta, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jilqa' din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, qed jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------